MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Numru 13/2000

Il-Pulizija
(Spettur Neil Harrison)
vs
Mario Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Mario Zammit, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 421574(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-18 ta' Ottubru 1996 u fl-ahhar xhur qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda :

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni d-droga eroina, speicikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna / persuni jew ghall-persuna / persuni, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien

awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fl-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tal-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-ligijiet ta' Maltal liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (awla 9) fil-5.9.95;

d) talli ukoll sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (awla 9) fis-16.10.95;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali tas-26 ta’ Marzu, 1998 li permezz taghha bis-sahha tas-subartikolu 2 ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 ordna illi l-imputat fuq imsemmi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti ta’ l-istess ordinanza;

Rat il-kontro-ordni ta’ l-Avukat Generali tat-2 ta’ Marzu, 2001 li permezz taghha bis-sahha tas-subartikolu 2 tal-Artikolu 22 u ta’ l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 101 ordna illi l-imputat fuq imsemmi jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti ta’ l-istess ordinanza;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Il-Qorti rat il-verbali taghha ta’ l-10 ta’ Lulju, 2002 u tas-26 ta’ Marzu, 2003, liema verbali gew notifikati lill-Avukat difensur ta’ l-imputat. Rat ukoll illi l-kawza kienet ilha differita ghall-provi tad-difiza mit-22 ta’ Marzu, 2001 u illi ripettutament l-avukat difensur ta’ l-imputat jew ma deherx ghas-seduta, jew ma ressaq l-ebda provi meta deher.

Illi l-Qorti certament ma setghetx tippermetti aktar telfien ta’ zmien f’din il-kawza. Ghaldaqstant il-Qorti kellha thalli l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi illi kellha.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-18 ta’ Ottubru, 1996 WPS 102 Ruth Magro, li kienet tinsab fil-bini tal-Qorti il-Belt Valletta, kienet irceviet informazzjoni konfidenzjali fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi u tfajla ohra kienu qeghdin fil-bini tal-Qorti u kienu fil-pussess ta’ diversi qratas ta’ droga eroina. Iz-zewg persuni indikati u cioe’ l-imputat u certa Maria Claudette Camilleri gew eskortati mill-pulizija. WPS 102 flimkien ma WPS 149 arrestaw lil Maria Claudette Camilleri, haduha l-lock up ta’ l-ghassa tal-Belt

fejn saritilha “strip search” u appena bdiet din it-tfittxija, meta Maria Claudette Camilleri giet mistoqsija jekk kellhiex xi affarijiet fuqha u cioe’ droga, hija mill-ewwel ammettiet illi kellha d-droga u ghaddiet diversi qratas tad-droga li kienu mohbijin fil-parti taghha. Dawn gew mghoddija lil WPS 102 illi ghaddiethom lill-Ufficjal Prosekutur. Fil-frattemp PS 1052 u PC 579 kienu qeghdin jistennew lill-imputat johrog mill-awla tal-Qorti u kif hareg mill-awla arrestawh u haduh l-ghassa il-Belt, fejn saritlu tfittxija.

Illi l-imputat minn jeddu ghadda pakkett kbir li fih kien hemm diversi qratas suspettati li kellhom d-droga. Id-droga ukoll giet mghoddija lill-Ufficjal Prosekutur, gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa illi fetah inkjesta u hatar lil Dr Abela Medici bhala espert forensiku sabiex jaghmel analizi tal-pakketti misjuba.

Illi Maria Claudette Camilleri irrilaxxjat stqarrija lill-pulizija fejn ammettiet illi kienet ghaddiet il-pakketti kontenenti d-droga lill-pulizija li kienu ser jaghmlu tfittxija fuqha.

Illi Maria Claudette Camilleri qalet lill-pulizija illi dakinhar hija kienet mal-boyfriend taghha l-imputat, dan kien ipprepara xi qratas bl-eroina, u kien ta uhud minnhom lilha biex izzommhom fil-parti privata taghha. Hija qalet illi dina ma kienitx l-ewwel darba li kien gara hekk u qalet ukoll illi dak iz-zmien l-imputat kien ibiegh id-droga fl-inhawi ta’ Bieb il-Belt.

Illi l-imputat ukoll irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn ammetta illi kellu sitt qratas bid-droga fil-pussess tieghu u li hu stess kien ghaddihom lill-pulizija. Huwa pero’ irrifjuta illi iwiegeb ghad-domandi jekk hu kienx juza d-droga jew kienx ibiegh id-droga. Huwa qal lill-pulizija li kien xtara d-droga ghal hamsa u ghoxrin lira, hu qal illi Maria Claudette Camilleri ma kienitx xtrat xi droga.

Illi giet esebita f’dawn l-atti r-relazzjoni tal-espert forensiku Dr Abela Medici minn fejn irrizulta illi huwa sab evidenza ta’ eroina f’ammont nett ta’ 1.2224 grammi, sittax il-qratas u tracci ta’ eroina go qartas iehor fuq kuccarina imgemda

u fuq bicca filter.  B’hekk allura gie ippruvat illi l-pakketti kollha li instabu fuq il-persuni ta’ l-imputat u Maria Claudette Camilleri kienu jikkontjenu d-droga eroina.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll il-prova necessarja ghal dak illi jirrigwarda l-akkuza kontenuta f’paragrafu (c) u l-akkuza kontenuta f’paragrafu (d) ta’ din l-imputazzjoni.

Illi apparti mill-fatt illi l-process tal-pulizija kontra Maria Claudette Camilleri gie esebit f’dawn l-atti u l-Qorti kellha ukoll l-opportunita li tezamina dawn l-atti, Maria Claudette Camilleri xehdet ukoll f’dawn il-proceduri.  Hija xehdet illi fit-18 ta’ Ottubru, 1996 kienet il-Qorti il-Belt u giet arrestata mill-pulizija.  Dakinhar il-pulizija kienu sabu fuq il-persuna taghha d-droga eroina.  Hija xehdet illi dakinhar kienet ma l-imputat fuq imsemmi, hija gharfitu fl-awla u qalet illi dak iz-zmien kienet tghix ma  l-imputat Bull Street, il-Belt Valletta u kienet tabbuza mid-droga eroina.  Hija kompliet tixhed illi l-pakketti tad-droga illi kellha fuqha ma kienux ghall-uzu esklussiv taghha, izda sabiex hi u l-imputat ibieghuhom lin-nies.  Id-droga kienet ilha ghandha minn filghodu ta’ dik il-gurnata stess.  Id-droga kien tahielha l-imputat diga lesta fil-pakketti.  Camilleri xehdet illi dakinhar l-imputat kien taha xi droga biex izzomm fil-parti taghha peress illi huwa diga kellu d-droga mohbija fil-qalziet ta’ taht tieghu.  Huwa hadha mieghu bid-droga fuqha sabiex tghinu biex ma tkunx qeghda mieghu ghal xejn u l-pulizija sabulha d-droga, li kienet mohbija fil-parti taghha.  Hija xehdet illi l-imputat kien qalilha biex tahbi d-droga fil-post fejn hbitha sabiex jekk ifitxxulha l-pulizija ma jsibuhomx facilment.  Hija xehdet ukoll illi din il-bicca xoghol kienet grat f’okkazzjonijiet precedenti.  Camilleri kompliet tixhed illi l-imputat kien ibiegh id-droga lil terzi persuni u wara l-Qorti dakinhar huma kellhom jibqghu sejrin bid-droga Putirjal, ‘il fuq fejn il-latrini.  Camilleri xehdet illi l-imputat kien ibiegh id-droga ghal prezz ta’ madwar ghaxar liri l-pakkett, id-droga kienet eroina, lilha ma kienx jaghtiha flus, pero’ kien jaghtiha d-droga b’xejn, peress illi kien jaf illi kellha l-vizzju tad-droga.  Camilleri xehdet illi din il-bicca xoghol kienet ilha tigri madwar xahar qabel ma giet arrestata mill-pulizija.  Hija xehdet illi l-gurnata ta’ qabel kienet rat lill-imputat jipprepara dawn il-

pakketti bid-droga u l-ghada tahomha fil-karti lesti ippakkjati biex izzommhomlu. Dakinhar stess filghodu hija kienet ratu jippakkja u jipprepara d-droga u jaghlaq il-pakketti kollha.

Illi l-pulizija kienet ghamlet ukoll tfittxija fil-fond fejn joqghod l-imputat u cioe' 33, Bull Street, il-Belt Valletta u minn hemm hekk elevat siringi, citric acid, pitazz, kif ukoll oggetti ohrajn relattati mal-abbuz tad-droga u din it-tfittxija saret kollha fil-prezenza tal-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi Maria Claudette Camilleri dejjem baqghet konsistenti fil-verzjoni illi tat, kemm meta giet investigata mill-pulizija u irrilaxxjat stqarrija, kemm matul il-kors ta' l-inkjesta, kemm matul il-proceduri li hadu l-pulizija kontra taghha, u kif ukoll fil-proceduri odjerni.

Illi wkoll ix-xhieda ta' Maria Claudette Camilleri hija kolloborata mill-evidenza forensika kif imsemmi aktar 'il fuq f'dan il-gudikat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha kontra l-imputat fuq imsemmi. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda issibu <u>hati</u> ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat r-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi, notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939, ir-regolarment 4 tar-regoli tan-1939 fuq imsemmija, id-disposizzjonijiet tar-Raba' u tas-Sitt taqsima tal-Kapitolu 101, ir-regolament 8 tar-Regoli tan-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat, l-Artikolu 22 subartikolu (2) paragrafu (b) subparagrafu (1) tal-Kap 101 u qeghda tikkundanna lill-hati ghall-multa ta' elf lira u ghall-prigunerija ta' sitt snin.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat kien abitwalment jittraffika d-droga skond kif xehdet Maria Claudette Camilleri, kif ukoll il-fatt illi ghandu fedina penali allarmanti. Il-Qorti osservat ukoll illi l-imputat gie moghti diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma

hajtu, izda huwa ma hataf l-ebda opportunita minnhom u baqa' ghaddej bil-hajja kriminali tieghu, liema hajja kriminali setghet facilment wasslet ghall-qerda jew rovina ta' diversi hajjiet innocenti.

Illi din il-Qorti ma tghajjiex tirreppeti illi r-reat tat-traffikar ta' droga huwa wiehed mill-aktar reati serji  u jehtieg illi l-piena tirrifletti l-gravita u s-serjeta ta' dan ir-reat.  Inoltre l-hati huwa wkoll recidiv u ghaldaqstant il-Qorti rat ukoll ghal din il-fini l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Finalment il-Qorti tiddikjara illi ma tistax tittratta mal-hati talli kiser il-provvedimenti tas-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1995 tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-ismijiet il-Pulizija kontra Mario Zammit, peress illi dik is-sentenza tirreferi ghal sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Ottubru, 1993, liema sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ma gietx esebita f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti, wara li rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar mil-lum ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz.  Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tad-droga illi giet elevata mill-pulizija u tordna d-distruzzjoni taghha taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------